MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 357/2007

**Vodafone Malta  Limited (C10865)**

**vs**

**Publius Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet  hlas ta' mija hamsa u ghoxrin  Liri Maltin u erbatx-il cenetzmu (LM125.14)  rapprezentanti  hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma *mobile phone* bin-numru 99456425;

Il-konvenut interpellat diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat at' sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-ittra ufficjali numerata 506/2007 u bl-

imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-datat tal-pagament effettuv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa'  ma pprezentax  Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra lli gie prezentat kapitolu fit-8 ta' Ottubru, 2007 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li  l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Ra li l-konvenut naqas  li jkkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------